MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1147/1999/1

**Citazzjoni numru 1147/99 GC**

**Mary Brincat**

**vs**

**Joe Camilleri, Joanne Gravina, Frances Gauci**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi l-attrici kienet kriet lill-konvenut Joe Camilleri l-appartament 3/31, St Joseph Flats, Wilga Street Paceville;

Illi matul il-periodu tal-kirja l-konvenut kien issulloka l-fond lill konvenuti l-ohrajn cioe’ lil Joanne Gravina u lil Frances Gauci;

Ill l-konvenuti jew min minnhom, ghamlu uzu mid-dawl u l-ilma fl-imsemmi appartament u tellghu kont ta’ elf mitejn u disgha u hamsin lira maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1259.69), liema kont il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma baghtet lill-attrici come proprjetarja tal-fond;

Illl l-konvenuti nterpellati biex ihallsu baqghu inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-artikolu 167 et sequitur tal-Ligijiet ta’ Malta stante li dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta’ l-atturi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba taghha ghall-hlas;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghalhiex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attrici s-somma ta’ elf mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1,259.69) rapprezentanti l-kont tad-dawl u l-ilma riferibbli ghall-appartament ta’ l-attrici suindikat ghar-ragunijiet supramessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Mejju 1999 u bl-imghax relativ mid-data tal-kont ta’ l-ilma u l-elettriku sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;:

Rat l-affidavit tal-attrici anness mac-citazzjoni;

Rat li l-konvenuti baqghu kontumaci u ma ppresentawx in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom nonostante li il-konvenuti Gravina u Gauci nghataw l-opportunita li jghamlu dan;

Semghet lill-attrici;

Semghet id-difensur tal-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-26 ta’ Gunju, 2000;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti Joanne Gravina u Frances Gauci ppresentata skond il-ligi;

Ikkonsidrat :

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u dana fil-konfront tal-konvenuti kollha. Jidher li l-appartament in kwestjoni kien originarjament mikri lill-konvenut Joe Camilleri. Jidher li dan il-konvenut issullokah liz-zewg konvenuti l-ohra u jista jkun li l-kontijiet in kwestjoni jirreferu ghal periodu meta l-appartament kien fil-pussess tal-konvenuti l-ohra Gravina u Gauci, pero' jista jkun ukoll li jirreferu, anke in parte, ghal meta l-istess appartament kien f'idejn l-imsemmi konvenut Camilleri. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-konvenuti kollha, li f'dawn il-proceduri naqsu li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom nonostante li nghataw l-opportunita' li jghamlu dan;

L-imsemmija konvenuti Gauci u Gravina ppresentaw nota kif hu permess mill-ligi. Ma jistax jinghad li l-attrici ma ghandha l-ebda relazzjoni guridka mal-istess konvenuti Gauci u Gravina. Jirrizulta li dawn il-konvenuti f'xi hin okkupaw l-appartament in kwestjoni tal-attrici. L-istess attrici kellha thallas il-kontijiet tal-ilma u elettriku ghar-rigward tal-istess appartament, kif ukoll ghaz-zmien li l-istess appartament kien fil-pussess tal-imsemmija konvenuti. Ghalhekk ma hemm xejn irregolari li l-attrici qed titlob minnghand il-konvenuti Gravina u Gauci l-hlas lura tal-imsemmija kontijiet;.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta’ elf mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1,259.69) in rifuzjoni ta' daqstant imhallas mill-attrici u rapprezentanti l-kont tad-dawl u l-ilma ghar-rigward tal-appartament indikat fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------